MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73

[Nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fis-sala ta' San Albert li jinsab fl-indirizz 'Buontempo Mansions', triq San Albert, il-Gżira, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Graziella Attard Previ – Kunsilliera
Wayne Hewitt – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-6pm.

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

73.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba mingħand il-kunsilliera Graziella Attard Previ sabiex tkun skużata minħabba li kellha ssiefer. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv approvaw li tkun skużata.
Il-kunsillier Wayne Hewitt bagħat talba biex ikun skużat peress illi kien qed jirkupra minn operazzjoni.

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

73.2.1 B'referenza għal punt 72.2.3 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jkun hemm ħafna żvilupp ġo triq Moroni. Ġie deċiż illi xogħolijiet fuq il-bankini jiġi on-hold għalissa.

73.2.2 Il-Minuti ġew approvati

## 73.3 Korrespondenza mas-Sindku

73.3.1 ECAD: Il-Kunsill approva li nħallsu lir-Reġjun Ċentru għall-membership ma' ECAD.

73.3.2 TCTC: Il-Kunsill m'approvax it-talba biex noffru korsijiet ta' Robotica u Coding sakemm ikun hemm I.T room fil-lokalita.

73.3.3 Gzira Sailing Club: Il-Kunsill talab għal izjed informazzjoni għat-tneddija dwar il-club il-ġdid tas-Sailing.

73.3.4 Kopin: Il-Kunsill approva li napplikaw għal 'Trade Fair Live Fair' jekk nirċievu l-fondi, fejn il-Kunsill ikollu jħallas l-ammont ta' 10%.

## 73.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

73.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 73.5 Rapporti

73.5.1 **Bank releases**: Il-bank releases ġew approvati.

73.5.2 **Tower Cranes:** Belvedere. Wara diskussjoni l-Kunsill approva l-ħruġ ta' permess għal-Tower Crane. Il-Kunsill se jistudja jekk il-parking għandha ssir in-naħa tat-Tower Crane biex ma nitilfux daqshekk parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll illi hemm Tower Crane ftit il-bogħod u qabel ma noħorġu permess għandna nkunu ċerti li l-booms humiex ta' l-istess għoli.

73.5.3 **Gżira Day**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadu ma rċieva l-ebda nominazzjoni għal min se jkun fuq il-Bord. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi hemm bzonn illi nuzaw nies mill-lokalita.

## 73.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

73.6.1 Il-Viċi Sindku qal illi hemm tabelli [str names] neqsin f'triq Ponsonby u triq Immakulata Kunċezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ta; Ponsonby inkissret u se nordnaw it-tnejn li huma.

73.6.2 Zebra Crossing Sliema Road: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li t-talba ma ġietx aċċettata. Is-Sindku qal illi se jiltaqa ma Transport Malta fuqha.

73.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċieva stima għas-CCTV u network bejn Sliema Road, il-Housing Estate u Piazza Meme Scicluna. Il-Kunsill approva li nibdew.

## 73.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

73.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 72.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

72.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall- 25 t'April fil-5.30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 t'April 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |